

Brussell, 11 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14450/25

ECOFIN 1413
UEM 516
FIN 1249
EIB
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovakkja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovakkja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara li s-Slovakkja ppreżentat il-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, Recovery and Resilience Plan) tagħha fid-29 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni² (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta’ Lulju 2023³ u tat-13 ta’ Mejju 2025⁴.
- (2) Fit-2 ta’ Ottubru 2025, is-Slovakkja ressqet talba motivata lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għall-emenda tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021, f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, is-Slovakkja ppreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mis-Slovakkja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 93 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10156/21 INIT, ST 10156/21 ADD 1 u ST 10156/21 ADD 1 COR 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 11205/23 INIT, ST 11205/23 ADD 1, u ST 11205/23 ADD 1 COR 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 8054/25 u ST 8054/25 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Is-Slovakkja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba diffikultajiet tekniċi mhux mistennija li jdewmu l-implimentazzjoni tal-miżura. Dan jikkonċerna l-investiment 1 (Il-ġestjoni tal-proġetti u t-tnejjija tal-investimenti tal-proġetti). Abbażi ta' dan, is-Slovakkja talbet li din il-miżura tiffassar. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata b'mod xieraq.
- (5) Is-Slovakkja spjegat li 11-il miżura, parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba kwistjonijiet ta' akkwist, dewmien fil-proġetti u kofinanzjament prorata minn fondi oħra tal-UE. Dan jikkonċerna investiment 2 (L-immodernizzar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli eżistenti (repowering)), investiment 2 (Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku storiku u elenkat), investiment 1 (L-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju), investiment 2 (Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima), investiment 1 (Bini għas-sistema tal-qrati riorganizzata), investiment 1 (Modernizzazzjoni u diġitalizzazzjoni tas-sistema ta' trażmissjoni u tas-sistemi ta' distribuzzjoni reġjonali - modernizzazzjoni tas-sistemi ta' distribuzzjoni), investiment 6 (It-tisħiħ tal-miżuri preventivi, iż-żieda tal-veloċità tad-detezzjoni u r-risoluzzjoni tal-inċidenti (ITVS - Teknoloġiji tal-informazzjoni għall-amministrazzjoni pubblika)), investiment 7 (It-titjib tal-ħiliet diġitali tal-anzjani u d-distribuzzjoni tat-Tablets lill-Anzjani), u r-riforma 3 (Il-ħolqien ta' bażi tad-data u sistema ta' skambju tad-data dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija), investiment 3 (L-involvement fi proġetti Ewropej multinazzjonali relatati mal-ekonomija diġitali), u investiment 4 (Appoġġ għal proġetti mmirati lejn l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji diġitali ewlenin). Abbażi ta' dan, is-Slovakkja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata b'mod xieraq.

- (6) Is-Slovakkja spjegat li ġew emendati żewġ miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-investment 2 (Ottimizzazzjoni tan-netwerk tal-isptarijiet) u r-riforma 2 (Riforma tal-konservazzjoni tan-natura u tal-ġestjoni tal-ilma fil-kampanja). Abbażi ta' dan, is-Slovakkja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Is-Slovakkja spjegat li ġew emendati 69 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna investment 1 (Kostruzzjoni ta' sorsi ġodda ta' elettriku rinnovabbli), investment 3 (Żieda fil-flessibilità tas-sistemi tal-elettriku għal integrazzjoni akbar tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli), investment 1 (It-titjib tal-effiċjenza enerġetika tad-djar tal-familja), investment 2 (Rinnovazzjoni ta' bini storiku pubbliku u bini elenkat), riforma 2 (Riforma tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri), investment 3 (L-iżvilupp tat-trasport intermodali tal-merkanzija), investment 4 (Appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura għal vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi), investment 1 (L-operat tal-iskema ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija), investment 2 (Appoġġ għall-funzjonament tal-Ispettorat Ambjentali Slovakk marbut mad-dekarbonizzazzjoni), investment 4 (Appoġġ għall-funzjonament tal-Ispettorat Ambjentali Slovak marbut mad-dekarbonizzazzjoni), investment 1 (L-adattament tar-reġjuni għat-tibdil fil-klima, b'enfasi fuq il-konservazzjoni tan-natura u l-iżvilupp tal-biodiversità), investment 2 (Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima), riforma 1 (Il-provvediment ta' kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' edukazzjoni preprimarja obbligatorja għal tfal mill-età ta' ħames snin u l-introduzzjoni ta' intitolament legali għal post fil-kindergarten jew fornituri oħra ta' edukazzjoni preprimarja mill-età ta' tliet snin),

riforma 2 (Id-definizzjoni tal-kunċett ta' ħtiġijiet edukattivi speċjali tat-tfal u l-istudenti u l-iżvilupp ta' mudell għal miżuri ta' appoġġ eliġibbli fl-edukazzjoni, inkluża s-sistema ta' finanzjament tagħhom), riforma 4 (L-implimentazzjoni ta' għodod biex jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola u jiġi adattat il-programm ta' studju tat-tip F), riforma 5 (Il-promozzjoni tat-tneħħija tas-segregazzjoni fl-iskejjel), investiment 1 (It-tneħħija tal-ostakli tal-binjiet tal-iskejjel), riforma 1 (Riforma tal-kontenut u l-forma tal-edukazzjoni), investiment 1 (L-infrastruttura diġitali fl-iskejjel), investiment 2 (It-tlestija tal-infrastruttura tal-iskola), riforma 5 (Konċentrazzjoni ta' kapaċitajiet eċċellenti ta' edukazzjoni u riċerka), investiment 1 (Appoġġ għall-investiment għall-iżvilupp strateġiku tal-universitajiet), investiment 1 (Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-parteċipazzjoni internazzjonali fi proġetti ta' Orizzont Ewropa u tal-EIT), investiment 2 (L-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji, l-akkademja u l-organizzazzjonijiet tar-R&D), investiment 3 (Xjenza eċċellenti), investiment 4 (Ir-riċerka u l-innovazzjoni għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija), investiment 5 (Ir-riċerka u l-innovazzjoni għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija), investiment 6 (Strumenti finanzjarji għall-appoġġ tal-innovazzjoni), investiment 1 (Għodod ta' appoġġ u assistenza għall-persuni rimpatrijati, ħaddiema bi kwalifiki għoljin minn pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom u studenti barranin tal-edukazzjoni għolja li jistudjaw fis-Slovakkja), investiment 2 (It-tiŝiħ tar-relazzjonijiet mad-dijaspora, l-appoġġ għall-inizjattivi taċ-ċittadini), investiment 3 (Boroż ta' studju għal studenti domestiċi u barranin b'talent), investiment 4 (Il-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni fl-ambjent akkademiku), riforma 1 (Ottimizzazzjoni tan-network tal-isptarijiet), riforma 3 (Ċentralizzazzjoni tal-ġestjoni tal-akbar sptarijiet), investiment 1 (Appoġġ għall-ftuħ ta' Prattiki ġodda tal-kura primarja f'żoni li mhumiex moqdi jin tajjeb), investiment 2 (Ottimizzazzjoni tan-network tal-isptarijiet), investiment 3 (Diġitalizzazzjoni tas-saħħa), investiment 4 (Kostruzzjoni u riabilitazzjoni ta' stazzjonijiet tal-ambulanza),

riforma 1 (Kooperazzjoni u regolamentazzjoni interministerjali kkoordinati), riforma 2 (Żvilupp ta' żoni ta' kapaċità severament sottovalutati fil-kura tas-saħħa mentali), investiment 2 (Hilqien ta' faċilitajiet ta' detenzjoni), investiment 3 (Il-bini ta' ċentri psikosoċjali), investiment 4 (It-tlestija tan-network stazzjonarju psikjatriku), investiment 5 (L-istabbiliment ta' ċentri speċjalizzati għal disturbi ġeneralizzati tal-awtiżmu), investiment 8 (Taħriġ fis-saħħa mentali għall-persunal), riforma 1 (L-integrazzjoni u l-finanzjament tal-kura soċjali u tas-saħħa fit-tul), investiment 1 (It-tiżni tal-kapaċitajiet tal-kura soċjali bbażati fil-komunità), investiment 2 (Estensjoni u tiġdid tal-kapaċitajiet tal-kura ta' wara u tal-infermiera), investiment 3 (It-tiżni u r-restawr tal-kapaċitajiet tal-kura palljativa), riforma 1 (Tnaqqis tal-piż regolatorju għan-negozji), investiment 1 (Kapaċitajiet għal riformi biex jitnaqqas il-piż regolatorju), investiment 2 (Diġitalizzazzjoni tal-proċessi ta' insolvenza), investiment 2 (Id-diġitalizzazzjoni u l-kapaċitajiet analitiċi), riforma 4 (Awditu u kontroll), investiment 2 (Tagħmir u diġitalizzazzjoni tal-forza tal-pulizija), investiment 3 (Modernizzazzjoni tas-sistema tat-tifi tan-nar u tas-salvataġġ), investiment 4 (Razzjonalizzazzjoni, ottimizzazzjoni u tiżni tal-kapaċità amministrattiva f'livelli differenti tal-gvern), investiment 1 (Servizzi aħjar għaċ-ċittadini u n-negozji), investiment 2 (It-trasformazzjoni diġitali tat-twassil tas-servizzi pubbliċi), investiment 5 (Għotjiet rapidi – hackathons), riforma 5 (It-tiżni tat-taħriġ u l-ħiliet fil-qasam ta' ċibersigurtà (ITVS — Teknoloġiji tal-informazzjoni għall-amministrazzjoni pubblika)), riforma 3 (Ir-razzjonalizzazzjoni tal-investiment pubbliku), riforma 1 ja (Il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli), riforma 2 (Appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika fl-enerġija rinnovabbli), riforma 6 (Ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika), investiment 7 (Tagħmir u taħriġ tal-iskejjel), riforma 2 (Appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika fl-enerġija rinnovabbli), investiment 5 (L-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju), investiment 6 (Il-promozzjoni tat-trasport tal-passiġġieri li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent), riforma 4 (Ġestjoni tal-bini tal-gvern ċentrali), investiment 4 (Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar enerġetiku), u investiment 8 (Komunikazzjoni għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU). Abbażi ta' dan, is-Slovakkja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata b'mod xieraq.

- (8) Wara t-tneħħija u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UIE) 2021/241, is-Slovakkja talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tneħħija tal-miżuri u bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom sabiex jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' għaxar miżuri. Dan jikkonċerna l-investiment 3 (Żieda fil-flessibbiltà tas-sistemi tal-elettriku għal integrazzjoni akbar tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli), l-investiment 1 (L-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju), investiment 2 (Promozzjoni ta' trasport nadif tal-passiġġieri), investiment 7 (Umanizzazzjoni tal-kura psikjatrika istituzzjonali), investiment 2 (Tagħmir u diġitalizzazzjoni tal-forza tal-pulizija), investiment 4 (Is-simplifikazzjoni, l-ottimizzazzjoni u t-tiħiħ tal-kapaċità amministrattiva f'livelli differenti ta' gvern), investiment 4 (Appoġġ għal proġetti mmirati lejn l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji diġitali ewlenin), investiment 1 (Modernizzazzjoni u diġitalizzazzjoni tas-sistema ta' trażmissjoni u tas-sistemi ta' distribuzzjoni reġjonali - modernizzazzjoni tas-sistemi ta' distribuzzjoni), investiment 2 (It-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-binjiet pubbliċi), u investiment 3 (Rinnovazzjoni ta' bini storiku pubbliku u bini elenkat. Abbażi ta' dan, is-Slovakkja talbet li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' għaxar miżuri.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (9) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mis-Slovakkja.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (10) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jikkontribwixxi għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lis-Slovakkja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, u -r-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (12) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' kull rakkomandazzjoni speċifika rilevanti għall-pajjiż bħala parti mis-Semestru Ewropew tal-2023, 2024 u 2025, il-Kummissjoni sabet li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ("CSR") dwar il-preżentazzjoni tal-pjan fiskali strutturali ta' terminu medju f'waqtu (2024), u dwar il-limitazzjoni tat-tkabbir fin-nefqa netta fl-2025 għal rata li tkun konsistenti, fost l-oħrajn, mat-tnaqqis tad-defiċit tal-gvern estiż lejn il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG u ż-żamma tad-dejn tal-gvern estiż f'livell prudenti fuq terminu medju (2024), ġew implimentati bis-sħiħ.

- (13) L-RRP emendat jinkludi sett estensiv ta' riformi u ta' investimenti li jsaħħu lil xulxin u li jikkontribwixxu b'mod effettiv biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha, jew subsett sinifikanti minnhom, li ġew deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lis-Slovakkja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari l-emenda tal-RRP żiedet referenza għas-CSR 3 tal-2024 dwar il-ħtieġa li tissaħħaħ il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali u tittejjeb ir-reżiljenza tal-ilma permezz tal-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u l-finalizzazzjoni tal-iżżonar ta' żoni protetti tan-natura.
- (14) Billi jindirizza l-isfidi ja hawn fuq, l-RRP emendat huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi, kif identifikat fir-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2023, fl-2024 u fl-2025, li s-Slovakkja qed tesperjenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompetittività tal-kostijiet, il-bilanċ estern, is-suq tal-akkomodazzjoni u d-djun tal-familji.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 40,19% tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 80,40% tal-kost stmat totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (16) L-emenda tal-RRP ma taffettwax b' mod materjali l-ambizzjoni tiegħu fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika, minkejja tnaqqis ta' 0,89 punti perċentwali fis-sehem tal-allokazzjoni totali għall-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi. Dan it-tnaqqis jirriżulta prinċipalment mill-ommissjoni ta' elementi tal-investiment 1 (Modernizzazzjoni u diġitalizzazzjoni tas-sistema ta' trażmissjoni u tas-sistemi ta' distribuzzjoni reġjonali - modernizzazzjoni tas-sistemi ta' distribuzzjoniu) u r-riforma 1 (Provvediment ta' kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-edukazzjoni preprimarja obbligatorja għat-tfal mill-età ta' ħames snin u l-introduzzjoni ta' intitolament legali għal post fil-kindergarten jew fornituri oħra tal-edukazzjoni preprimarja mill-età ta' tliet snin). L-RRP emendat għadu jappoġġa b' mod sinifikanti l-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika, it-titjib tal-biodiversità, u l-protezzjoni ambjentali. B' mod partikolari, il-kapitolu REPowerEU jkompli jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika, peress li r-riformi u l-investimenti tiegħu jikkontribwixxu biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 21,77 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (18) L-emenda tal-RRP issaħħaħ l-ambizzjoni tiegħu fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali billi żżid is-sehem tal-għotja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (“RRF”) allokata għall-miżuri li jappoġġaw l-oġġetti diġitali b’0,75 punti perċentwali. Din iż-żieda tirriżulta prinċipalment mill-introduzzjoni ta’ elementi ġodda taħt l-investment 3 (Żieda fil-flessibbiltà tas-sistemi tal-elettriku għal integrazzjoni akbar tas-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli) u l-investment 4 (Tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva f’livelli differenti ta’ gvern).

Kostijiet

- (19) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (20) Għaldaqstant, ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-kostijiet fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill, tat-13 ta’ Lulju 2021, jibqa’ l-istess. Il-ġustifikazzjoni tas-Slovakkja dwar l-ammont tal-istimi tal-kostijiet totali tal-RRP kienet raġonevoli u plawżibbli sa punt medju, f’konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza, u kienet proporzjonata mal-impatt nazzjonali u ekonomiku mistenni. Għal għadd limitat ta’ miżuri, il-parametri referenzjarji tal-kostijiet kienu inqas ċari, abbażi ta’ ftit informazzjoni komparabbli. Id-demarkazzjoni ma’ sorsi oħra ta’ finanzjament għall-proġetti ma kinitx dejjem indikata b’mod ċar, iżda ġew stabbiliti salvagwardji biex jiġi evitat il-finanzjament doppju.

- (21) Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżuri emendati turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli, skont l-informazzjoni pprovduta. Għal xi miżuri emendati, l-informazzjoni dwar ir-raġonevolezza u l-plawżibbiltà tal-istimi tal-kostijiet hija limitata jew nieqsa. Dan jeskludi l-possibbiltà li tingħata klassifikazzjoni A skont il-kriterju ta' valutazzjoni partikolari. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri emendati kienu ġġustifikati u proporzjonali, fejn possibbli, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn l-istimi tal-kostijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-istimi tal-kostijiet kienu ġġustifikati u proporzjonali matul il-biċċa l-kbira tal-RRP emendat. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali smat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (22) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mis-Slovakkja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (c), (d), (da), (db), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet tal-investiment li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)

- (23) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, is-Slovakkja qieset bħala prijorità dawk il-proġetti li jkunu ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-. Madankollu, is-Slovakkja qieset li l-ebda proġett bħal dan ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba n-nuqqas ta' żmien biex jitlesta tali proġett qabel id-data ta' tmiem tal-RRF.

Valutazzjoni pożittiva

- (24) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u għandu jiġi stabbilit l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L 2024/795 29.2.2024 p. 12
ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>)

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (25) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tas-Slovakkja huma ta' EUR 6 408 465 020. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġhla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għas-Slovakkja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, kif ukoll mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tas-Slovakkja, jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 6 407 240 019.
- (26) Jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja għas-Slovakkja jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241. Madankollu, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-ħames pagament parzjali tal-appoġġ mhux ripagabbli għas-Slovakkja, adottata f'konformità mal-Artikolu 24(8) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja tnaqqset b'EUR 1 225 000 u s-Slovakkja ma tistax titlob l-iżborż tagħha mill-Kummissjoni.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

- (27) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li għalhekk tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jiġi sostitwit kompletament.
- (28) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettaq, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tneħħix il-ħtieġa għall-Istati Membri li jimplimentaw il-miżuri skont il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni u, b'mod partikolari, li jinnotifikaw potenzjalment il-każijiet ta' għajjnuna mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tas-Slovakkja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2
Emendi

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovakkja huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill
Il-President
